Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2169(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2169(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Jilqa' l-fatt li l-Europol implimentat azzjonijiet mill-Awtorità ta' Kwittanza li saru dwar il-kontrolli interni, il-protezzjoni tad-data, il-komunikazzjoni esterna u l-osservazzjonijiet tal-Qorti b'mod partikolari rigward il-proċess biex jiġi vvalutat kunflitt ta' interess potenzjali; japprezza aktar attivitajiet li jikkonċernaw id-diversità tal-ġeneru u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi; jilqa' d-diġitalizzazzjoni ulterjuri, bl-użu tas-sistemi u l-għodod ta' informazzjoni tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-ġestjoni tal-kuntratti;

3. Ifakkar fl-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet marbuta mal-allowance għas-sussistenza ta' kuljum għal tliet Esperti Nazzjonali Sekondati (SNEs) min-Netherlands; ifakkar li l-Europol identifikat u żvelat il-ħlas żejjed ta' EUR 155 553, fir-rigward tal-allowance għas-sussistenza ta' kuljum għal tliet SNEs min-Netherlands fl-2022; jinnota t-tweġiba tal-Europol li f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 101 tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046, il-Europol iddeċidiet li tirrinunzja l-irkupru tal-pagament żejjed biex iżżomm ir-relazzjoni ta' fiduċja u kooperazzjoni mal-awtoritajiet emittenti; jilqa' l-fatt li l-Europol tejbet il-verifika *ex ante* inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi biex tipprovdi assigurazzjoni effettiva dwar il-legalità tal-intitolamenti finanzjarji korrispondenti qabel il-pagament fil-futur;

4. Ifakkar fl-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet marbuta ma' għotja operattiva biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' forza tal-pulizija nazzjonali fi Stat Membru; jinnota li l-Qorti osservat li parti mill-għotja, li tammonta għal EUR 0,2 miljun, kienet irregolari; jinnota t-tweġiba tal-Europol li skontha, l-għotja operattiva kienet tikkonċerna l-attivitajiet tal-SIUs ikkoordinati minn Stat Membru wieħed u, għalhekk, skont l-Artikolu 186(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046 u l-gwida ta' implimentazzjoni speċifika korrispondenti tal-Kummissjoni dwar l-amministrazzjoni tal-għotjiet, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) kienet spiża eliġibbli; jilqa' l-fatt li l-Europol se tivvaluta l-eliġibbiltà tal-VAT f'għotjiet operattivi fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-Qorti;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2022, l-Europol aċċettat 98 068 kontribuzzjoni operattiva u appoġġjat 2 758 operazzjoni relatati ma' ħames prijoritajiet strateġiċi pluriennali; jinnota l-attivitajiet tal-Europol li jirriflettu l-Programm ta' Ħidma għall-2022, inkluż dwar l-Iżvilupp ta' kapaċitajiet operazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-ġestjoni tal-informazzjoni, il-Koordinazzjoni Operazzjonali, il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Serja u Organizzata, iċ-Ċiberkriminalità, il-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika, il-Koordinazzjoni u l-Governanza Strateġika u tal-Analiżi Kontra t-Terroriżmu, l-appoġġ u l-amministrazzjoni; jilqa' l-kooperazzjoni tal-Europol mal-Ukrajna u l-appoġġ ipprovdut

lill-Istati Membri u lill-pajjiżi tal-fruntiera li żdied kmieni fis-sena fil-kuntest tal-gwerra; jilqa' l-fatt li l-Europol issospendiet il-kooperazzjoni tagħha mar-Russja;

6. Jinnota li fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) talab li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tannulla żewġ dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Europol emendat, jiġifieri l-Artikoli 74a u 74b, hekk kif argumenta li dawn jimminaw serjament iċ-ċertezza legali għad-data personali tal-individwi u jheddu l-indipendenza tal-EDPS; jinnota wkoll id-Digriet tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-578/22 tas-6 ta' Settembru 2023 li permezz tiegħu r-rikors imressaq mill-EDPS kontra r-Regolament tal-Europol emendat tqies inammissibbli, u fir-rigward ta' kwalunkwe effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati dwar id-deċiżjoni tal-EDPS tat-3 ta' Jannar 2022, l-EDPS ma jistax jinvokahom biex isostni l-azzjoni tiegħu; jinnota li l-EDPS appella l-Kawża T-578/22 u li għandu l-mandat li jissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali tal-Europol skont ir-Regolament (UE) 2016/794; jilqa' l-isforzi tal-Europol biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS, b'mod partikolari li l-kontribuzzjonijiet kollha minn qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Europol emendat sadanittant jiġu assenjati Kategorija tas-Suġġett tad-Data (DSC);

7. Jinnota li l-Europol kompliet taħdem mill-qrib mal-eu-LISA fit-twaqqif ta' kontrolli awtomatizzati tad-data tal-applikazzjonijiet għall-ivvjaġġar mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) kontra d-data tal-Europol; jinnota li d-dħul fis-seħħ tal-ETIAS ġie pospost għal Novembru 2023 bid-deċiżjoni tal-Kunsill; japprezza li l-Europol espandiet il-kooperazzjoni tagħha mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-2022 filwaqt li sa tmiem is-sena appoġġjat 21 operazzjoni ewlenija tal-UPPE fil-qasam tal-frodi tat-taxxa;

8. Jinnota li r-Regolament tal-Europol emendat li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2022 jirrikjedi sorveljanza akbar tal-attivitajiet tagħha pereżempju permezz tal-istabbiliment u l-ħatra ta' Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali (FRO) li għandu l-obbligu li jirrapporta direttament lid-Direttur Eżekuttiv fi ħdan il-Europol; jesprimi wkoll li l-estensjoni tal-kompetenzi tal-Europol fir-rigward tal-appoġġ lill-Istati Membri u l-kooperazzjoni ma' partijiet privati, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali tirrikjedi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza interni u esterni addizzjonali biex jiggarantixxu r-rispett tad-dritt tal-UE u jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

9. Ifakkar il-konklużjonijiet tar-rapport tal-awditjar tal-EDPS dwar l-Europol fis-16 ta' Diċembru 2022, li awditja kontrolli speċifiċi tas-settijiet ta' data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi miżmuma mill-Europol; fakkar li l-EDPS sab li l-proċess ġenerali għall-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mis-sħab dwar il-minorenni (inklużi minorenni taħt il-15-il sena) huwa ċar u żviluppat sew; ifakkar li l-EDPS sab diversi każijiet fejn l-attribuzzjoni tal-istess livell ta' suspett (f'termini ta' klassifikazzjoni) għal data ta' minorenni apparentement involuti fi ksur relattivament minuri fi ħdan qafas usa' ta' grupp ta' kriminalità organizzata tista' ma tissodisfax is-soll ta' "proporzjonalità stretta"; jenfasizza li l-Europol għandha l-obbligu li tirrispetta l-prinċipju ta' "proporzjonalità stretta" stabbilit fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament tal-Europol;

10. Jinnota r-rapporti mill-media ta’ każijiet allegati ta’ kunflitt ta’ interessi ta’ ex persunal tal-Europol; ifakkar li fl-20 ta’ Diċembru 2023 l-Ombudsman fetaħ inkjesta dwar kif l-Europol ittrattat iċ-ċaqliq ta’ żewġ ex membri tal-persunal għal pożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li hija kienet eżaminat ir-rapporti u rrappurtat, fost l-oħrajn, li ma ġie identifikat l-ebda kunflitt ta’ interess mill-persunal preċedenti; jitlob li l-allegazzjonijiet jiġu investigati bir-reqqa u li l-eżitu jiġi rrappurtat lill-awtorità ta’ kwittanza;

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 54 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
European Union Agency for Law Enforcement ("EUROPOL")

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

54	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

2	-
ID	Patricia Chagnon
NI	Milan Uhrík

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni